Group of the Progressive Alliance of
**Socialists & Democrats**
in the European Parliament

Partit Laburista

# ĦIDMA 2016



MIRIAM**DALLI**

*Membru Parlamentari Ewropew*



# ENERĠIJA U ARJA NADIFA

Enerġija u arja aktar nadifa jfissru inqas mard respiratorju u mard bħal kanċer. F'dan il-kuntest, is-suġġetti tal-ambjent u l-enerġija huma prijorità għal Miriam Dalli.

Ħadmet dwar l-istrateġija tal-Unjoni Ewropea għal aktar użu ta' *Liquified Natural Gas* (LNG) biex tindirizza d-dipendenza ta' diversi pajjiżi fuq sorsi ta' *fuel* li jniġġżu.

Qed taħdem fuq leġiżlazzjonijiet Ewropej li permezz tagħhom għandu jonqos it-tniġġiż minn setturi differenti, inkluż it-trasport, l-iskart u l-bini. L-isforzi ta' Miriam f'dawn l-oqsma ġew rikonoxxuti f'Marzu 2016 meta ntgħażlet bħala l-MEP tas-sena għal ħidma tagħha favur enerġija nadifa u l-ħarsien tal-klima.

S&D Group of the Progressive Alliance of Socialists & Democrats in the European Parliament





# ĦIDMA SOĊJALI

Miriam konxja dwar diversi bżonnijiet fl-isfera soċjali u għalhekk ħadmet biex tagħti vuċi lil dawk l-aktar vulnerabbli fis-soċjeta'. Matul din is-sena kompliet taħdem favur Aċċessibilità Edukattiva.

Wara ittra li ntbagħtet lir-rettur tal-Università biex jiġu ndirizzati l-ħtiġijiet ta' studenti bl-Awtiżmu, *Dyslexia* u ADHD, Miriam Dalli organizzat b'suċċess seminar dwar l-Awtiżmu u l-Edukazzjoni fejn laqqgħet persuni b'awtiżmu u l-qraba tagħhom ma' akkademiċi u l-politiċi responsabbli, biex is-sistema edukattiva ta' pajjiżna tirrikonoxxi l-bżonnijiet differenti tal-istudenti.

Miriam kompliet ukoll bl-isforzi tagħha favur għarfien akbar dwar is-saħħa mentali, inkluż b'laqgħat ma' dawk li jaħdmu fis-settur u persuni li jbatu minn problemi ta' saħħa mentali. Tiffoka wkoll fuq *cyberbullying* u aspetti oħra ta' saħħa mentali fost iż-żgħażagħ.






# SIGURTÀ U IMMIGRAZZJONI

Flimkien ma' MEPs oħra, sejħet għal aktar protezzjoni tat-tfal permezz ta' titjib f'mekkaniżmi ta' allert u kooperazzjoni akbar bejn il-pajjiżi, biex tfal dikjarati nieqsa jinstabu jew ikunu salvati mingħajr dewmien.

Dwar l-immigrazzjoni, Miriam kienet waħda min-negozjaturi ewlenin biex ikun approvat dokument għar-ritorn ta' immigranti, li jkunu qegħdin fl-Unjoni Ewropea minkejja li ma jkunux intitolati għal protezzjoni jew ażil.

Ħadmet ukoll fuq simplifikazzjoni ta' *visas* għal numru ta' pajjiżi li għandhom relazzjoni tajba mal-Unjoni Ewropea.





# KOLLABORAZZJONI MAL-ISTUDENTI

## AKTAR DRITTIJIET

Miriam Dalli attiva ħafna fil-qasam tad-drittijiet ta' persuni LGBTI. Ikkontribwiet f'*position paper* tas-Soċjalisti u Demokratiċi li tappella għal aktar ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u tiġġieled l-omofobija.

Miriam temmen li l-istudenti għandhom sehem strumentali biex dak li jiġi deċiż fuq livell Ewropew isir fil-konkret fuq bażi lokali. Matul din is-sena, Miriam Dalli kkollaborat diversi drabi ma' studenti fosthom fuq proġetti ta' konservazzjoni tal-ilma, ambjent u sostenibilità.

S&D Group of the Progressive Alliance of Socialists & Democrats in the European Parliament

MIRIAMDALLI
Membru Parlamentari Ewropew

“Dħalt fil-politika biex nagħmel differenza u biex nagħti vuċi lil dawk in-nies li ta’ kuljum jiltaqgħu ma’ sfidi kbar fil-ħajja personali tagħhom.

Dan hu dak li ppruvajt nagħmel matul is-sena li għaddiet, u matul is-sena d-dieħla rrid inkompli nkun ir-rappreżentanta tal-Maltin u l-Għawdxin sew f’affarijiet li jolqtuhom personalment u anke professjonalment.”

**MIRIAM DALLI**



S&D Group of the Progressive Alliance of Socialists & Democrats in the European Parliament

# S'ISSA

**99%**

**Parteċipazzjoni fil-voti** meħuda waqt is-sessjonijet plenarji.

**235**

**Laqgħa fi Brussell** m'għaqdiet internazzjonali u uffiċjali għolja tal-Kummissjoni Ewropea.

**167**

**Laqgħa f'Malta ma' stakeholders,** entitajiet, unjins u għaqdiet.

**157**

**Mistoqsija Parlamentari** fosthom dwar il-garanzija għaż-żgħażagħ, l-emissjonijiet tal-karozzi, is-sitwazzjoni fis-Sirja u fil-Libja, l-immigrazzjoni, żwieġ sfurzat ta' tfal, *Geo-Blocking*, abbuż sesswali fuq it-tfal, koordinament kontra t-terroriżmu u r-radikaliżmu, u l-użu t'annimali selvaġġi fiċ-ċirkli, fost oħrajn.

## MIRIAM DALLI TEMMET IL-ĦIDMA TAGĦHA FUQ 14-IL RAPPORT DWAR:

- Il-ħidma tal-Ombudsman Ewropew fl-2015
- L-eżenzjoni mill-VISA għal soġġorn qasir għal Tuvalu, Micronesia, il-Gżejjer Solomon, u l-Gzejjer Marshall
- It-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-vetturi
- Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi
- Il-*Blue Economy* (L-Ekonomija Marittima)
- L-Istrateġija Ewropea dwar is-sigurtà tal-Enerġija
- Ir-rapport tal-Ombudsman Ewropew dwar il-FRONTEX
- Miżuri kontra l-burokrazija permezz ta' sistemi diġitali
- Il-liġi dwar l-approvazzjoni u ssorveljar ta' vetturi

## Miriam Dalli is a member of:

- **Committee on the Environment, Public Health & Food Safety**
- **Committee on Civil Liberties, Justice & Home Affairs**
- **Committee on Industry, Research & Energy**
- **Committee on Petitions**
- **Committee of Inquiry into Emission Measurements in the Automotive Sector**
- **Delegation for relations with the Maghreb countries & the Arab Maghreb Union**
- **Delegation for the EU-Armenia, EU-Azerbaijan and the EU-Georgia Parliamentary Committees**

## Highlights of the year:

- Chosen as the MEP of the Year for her work on climate change & the energy sector
- Elected to serve as the S&D Coordinator of the Environment, Public Health and Food Safety Committee
- Worked on the European return travel document regulation and visa waiver legislations

For an English version of this leaflet kindly log on:
www.miriamdalli.com

You can send us your feedback on:

T 00356 2146 3241
E miriam@miriamdalli.com
f www.facebook.com/drmiriamdalli
t www.twitter.com/miriamdalli

S&D Group of the Progressive Alliance of **Socialists & Democrats** in the European Parliament